

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Servizz Ta' Dokumenti: Trasmissjoni Uffiċjali Ta' Dokumenti Legali](#) > [Slovakia](#)

Servizz ta' dokumenti: trasmissjoni uffiċjali ta' dokumenti legali



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 F'termini prattiċi xi jfisser it-terminu legali “notifika ta' dokumenti”? Għaliex hemm regoli speċifiċi dwar in-“notifika ta' dokumenti”?

Notifika ta' dokumenti

Skont l-interpretazzjoni tal-prattika ġudizzjarja, “in-notifika ta' dokumenti” hija miftehma bħala pass proċedurali meħud mill-qorti biex jinnotifika parti fil-proċedimenti, jew terza persuna li l-kooperazzjoni tagħha fil-proċedimenti hija meħtieġa, bil-progress ta' dawn il-proċedimenti ġudizzjarji. Il-fatt li l-partijiet jinżammu informati pjenament u effettivament bil-progress tal-proċedimenti huwa prekondizzjoni essenzjali għall-andament u l-konklużjoni tajba tal-proċedimenti tal-qorti – qorti tista' taġixxi biss u tiegħu deċiżjonijiet bil-kundizzjoni li l-partijiet ingħataw id-dokumenti kollha li l-irċevuta u l-għarfien tagħhom hija prekondizzjoni għall-pass li jmiss fil-proċedimenti, l-applikazzjoni ta' rimedju, id-difiża jew protezzjoni proċedurali, u attijiet oħra li huma ammissibbli biss f'terminu preskrittiv stipulat mil-liġi jew mill-qorti. B'mod partikolari, in-notifika tad-deċiżjonijiet tal-qorti dwar il-merti hija prekondizzjoni essenzjali għall-għeluq finali tal-każ u għall-eżegwibbiltà tad-deċiżjoni tal-qorti. Ta' min jinnota li l-Artikolu 105 *et seq.* tal-Att Nru 160/2015, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża (*Civilný sporový poriadok*) jiddefinixxi biss l-aspetti proċedurali tan-notifika ta' dokumenti (ġudizzjarji). In-notifika ta' att skont il-liġi sostantiva, jiġifieri li tinkludi espressjoni ta' volontà fil-forma ta' dokument, hija rregolata permezz tal-Artikolu 45 tal-Att Nru 40/1964, il-Kodiċi Ċivili (*Občiansky zákonník*). Hemm differenza sostanzjali bejn in-notifika skont ir-regolamentazzjoni sostantiva u proċedurali, speċjalment dwar l-effett ta' notifika, it-tweġġiq tal-proċess ta' notifika u l-inizjar tal-konsegwenzi ġuridiċi.

L-eżistenza ta' regoli speċifiċi għan-notifika ta' dokumenti

L-għan tar-regoli speċifiċi għan-notifika ta' dokumenti fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża huwa tentattiv mil-leġiżlatura li jitħares il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u l-prinċipju tal-kontradittorju fil-proċedimenti ġudizzjarji. Ħadd fil-proċedimenti ġudizzjarji ma jista' jiġi żvantaġġat, u kull parti trid tkun informata ugwalment bil-progress tal-proċedimenti ġudizzjarji. Il-partijiet irid ikollhom opportunità li jipprovdut l-kooperazzjoni meħtieġa fil-proċedimenti, u biex jiffamiljarizzaw ruħhom mad-dikjarazzjonijiet u mal-evidenza tal-parti l-oħra, ma' kwalunkwe att proċedurali mill-qorti marbuta mal-proċedimenti, u mal-merti tal-każ. Il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u l-prinċipju tal-kontradittorju fil-proċedimenti huwa element fundamentali u element li jiddefinixxi d-dritt għal proċess ġust, li fis-Slovakkja huwa dritt kostituzzjonali (l-Artikoli 46-48 tal-Kostituzzjoni, Ustava Slovenskej republiky) ibbażat fuq l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

2 Liema dokumenti jeħtieġ li jkunu notifikati b'mod formali?

B'mod ġenerali, in-notifiki kollha mwettqa f'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża jistgħu jitqiesu bħala notifika formali, jiġifieri:

- notifika fil-kaxxa postali elettronika (metodu ppreferut);
- notifika f'indirizz elettroniku (posta elettronika) (biss fuq it-talba tal-parti);
- notifika personali minn notifikatur leġittimu (kumpanija tas-servizzi postali, notifikatur ta' pproċessar) jew b'mod ieħor li mhuwiex permezz ta' notifika personali;
- notifika fil-forma ta' avviż pubbliku;
- forma speċjali ta' notifika minn persuni leġittimi oħra li jwettqu n-notifika (id-dipartiment tal-Pulizija kkonċernat, il-pulizija municipli, uffċjal ġudizzjarju, is-Servizz tal-Gwardja tal-Ħabs u tal-Qorti (*Zbor väzenskej a justičnej stráže*), faċilità għal kura istituzzjonali jew protettiva, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, il-Ministeru tad-Difiża).

Fis-sens dejjaq, in-notifika formali jew uffċjali tirreferi biss għan-notifika personali ta' proċess ġudizzjarju. Il-qorti tuża l-proċedura stabbilita għal notifika ordinarja għal dokumenti li għaliha l-liġi ma teħtieġx notifika personali.

Id-diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża jistipulaw liema dokumenti jeħtieġu notifika personali. Barra minn hekk, in-notifika personali tintuża wkoll f'każijiet fejn il-qorti tordna notifika personali skont iċ-ċirkostanzi ta' każ speċifiku (il-qorti normalment jużaw notifika personali, pereżempju għal ċitazzjoni għal smigħ minħabba ċertezza proċedurali). Il-fatt li l-leġiżlatur speċifika din in-notifika privileġġjata għad-diversi dokumenti huwa xhieda tal-importanza ta' dawn id-dokumenti u tal-ħtieġa li l-parti tkun familjari mal-kontenut tagħhom, u b'hekk id-dritt għal proċess ġust jiġi eżerċitat.

L-Att 160/2015, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża ("CSP"), jirrikjedi li d-dokumenti li ġejjin jiġu nnotifikati personalment:

- digriet li permezz tiegħu l-qorti ppermettiet emenda tal-kawża jekk il-partijiet ma kinux preżenti waqt is-seduta li matulha ġiet emendata l-kawża (l-Artikolu 142(2) CSP);
- kawża b'annessi jekk il-qorti ma tkunx ċaħdet il-kawża jew iddeċidiet li ma tkomplix bil-proċedimenti (l-Artikolu 167(1) CSP);
- risposta jekk l-intimat ma jaċċettax it-talba bis-sħiħ (l-Artikolu 167(3) CSP);
- dikjarazzjoni mir-rikorrent ippreżentata skont l-Artikolu 167(3) bħala replika għar-risposta (l-Artikolu 167(4) CSP);
- taħrika għal seduta preliminari (l-Artikolu 169(2) CSP);
- sentenza (l-Artikolu 223(1) CSP);
- digriet għall-ħlas b'azzjoni (l-Artikolu 266(1) CSP);
- l-oġġezzjonijiet tal-intimat li jopponu digriet ta' ħlas, li jiġu nnotifikati lir-rikorrent (l-Artikolu 267(5) CSP);
- digriet skont l-Artikolu 273(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża dwar l-obbligu li ssir dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-azzjoni f'terminu ta' żmien stabbilit, u li jiġu indikati fid-dikjarazzjoni l-fatti ewlenin tad-difiża tal-parti, li jiġi mehmuż kull dokument li ssir referenza għalih, u li tiġi indikata l-evidenza li tipprova dawn it-talbiet fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 273(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża.

L-Att 161/2015 – il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża (*Civilný mimosporový poriadok*) ("CMP") – jirrikjedi li d-dokumenti li ġejjin jiġu nnotifikati personalment:

- digrieti promoturi li jiġu nnotifikati lill-partijiet jekk il-proċedimenti jkunu nfetħu fuq inizzjattiva tal-qorti stess (l-Artikolu 27 CMP);
- mozzjonijiet emendati biex jinbdew proċedimenti jekk il-partijiet ma kinux preżenti fis-seduta li fiha saret l-emenda (l-Artikolu 28 CMP);
- digrieti li jieħdu deċiżjoni dwar il-merti tal-kawża (l-Artikolu 45 CMP);
- digrieti fi proċedimenti għar-ritorn ta' minuri f'każ ta' ħtif jew ta' żamma mhux awtorizzata, li jeħtieġu li l-persuna li, skont ir-rikorrent, tkun qed tikser dritt, tissottometti dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-kwistjoni (l-Artikolu 131(2) CMP);
- notifiċi u struzzjonijiet fi proċedimenti dwar wirt maħruġin għall-persuni li jistgħu raġonevolment jiġu preżunti bħala l-verrieta fir-rigward tad-drittijiet tal-wirt tagħhom u l-possibbiltà li jirrifjutaw il-wirt, jekk il-qorti ma tkunx ħarġet in-notifiċi u l-istruzzjonijiet oralment fil-verbal (l-Artikolu 189(2) CMP);
- notifiċi dwar applikazzjoni għar-rilaxx ta' oġġett fi proċedimenti li jopponu r-rilaxx ta' oġġett iddepożitat ma' nutar għall-finijiet ta' konformità ma' obbligazzjoni f'każijiet skont l-Artikolu 335(a) jew (b) jew jekk id-depożitant ikun talab li l-oġġett depożitat jiġi rrilaxxat lilu jew lil persuna oħra għajr il-benefiċjarju (l-Artikolu 340 CMP);
- avviżi li jistiednu oġġezzjonijiet fi proċedimenti li jikkonfermaw preskrizzjoni akkwizittiva mibgħuta lill-persuna li, fiż-żmien li fih jinfetħu l-proċedimenti tiġi nnominata fl-att tat-titolu bħala dik li għandha

drittijiet ta' sjieda jew drittijiet *in rem* fuq il-proprjetà involuta fil-proċedimenti li jikkonfermaw il-preskrizzjoni akkwiziżittiva (l-Artikolu 359g CMP).

3 Min hu responsabbli biex jinnotifika dokument?

Il-qorti hija responsabbli għan-notifika tal-proċess ġudizzjarju. Interpretazzjoni sistematika tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża tiżvela l-ordni ta' prijetà li ġejja għan-notifika ta' dokumenti bil-miktub:

1. mill-qorti f'seduta jew att ieħor;
2. lejn kaxxa postali elettronika skont l-Att Nru 305/2013 dwar il-forma elettronika ta' governanza mill-awtoritajiet pubbliċi u li temenda ċerti atti (l-Att dwar il-Gvern elettroniku) (*zákon o e-Governmente*) (huwa obbligatorju għall-persuni ġuridiċi kollha li jkollhom kaxxa postali elettronika attiva, filwaqt li l-persuni fiżiċi jistgħu jagħżlu li jattivaw waħda);
3. in-notifika għal indirizz elettroniku fuq talba tal-parti, jekk id-dokumenti ma jkunux jeħtieġu notifika personali;
4. notifika minn persuni leġittima li twettaq in-notifika:
 - o ġeneralment kumpanija tas-servizzi postali jew notifikatur ta' ipproċessar;
 - o jekk il-qorti tqis li jkun meħtieġ, hija tista' tordna notifika mid-dipartiment rilevanti tal-Pulizija, minn uffiċjal ġudizzjarju jew mill-pulizija municijali;
 - o f'każijiet speċjali l-qorti tinnotifika d-dokumenti permezz: tas-Servizz tal-Ħabsijiet u l-Gwardja tal-Qorti (notifika lil persuni fiżiċi li qed iservu pieni ta' kustodja jew li huma f'kustodja), faċilitajiet għal kura istituzzjonali u protettiva (notifika lil persuni fiżiċi li tqegħdu f'tali faċilitajiet), il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej (notifika lil persuni fiżiċi li jgawdu minn privileġġi diplomatiċi u immunità, jew persuni fl-unità domestika ta' xi ħadd li jgawdi minn privileġġi u immunità diplomatiċi, jew persuni li għandhom jiġu nnotifikati b'dokumenti fi stabbilimenti protetti minn immunità diplomatika), u l-Ministeru tad-Difiża (notifika lil suldati professjonali u dokumenti li ma jistgħux jiġu nnotifikati b'mod ieħor);
 - o każ speċjali hija n-notifika permezz ta' avviż pubbliku jekk stabbilit fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża (pereżempju jekk l-indirizz ta' persuna fiżika ma jkunx magħruf) jew f'leġiżlazzjoni oħra (eż. l-Artikolu 199 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Mhux Kontenzjuża).

4 Ksib ta' informazzjoni dwar l-indirizzi

4.1 L-awtorità li ssirilha t-talba f'dan l-Istat Membru tipprova tistabbilixxi fuq inizjattiva tagħha stess l-inħawi tad-destinatarju tad-dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati jekk l-indirizz indikat ma jkunx korrett? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 7(2)(c) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti

Fit-tali każijiet, il-qorti Slovakka dejjem jipprovaw b'mod attiv li jstabbilixxu fejn jinsab preżentement id-destinatarju, primarjament billi jirreferu għar-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovakka (*Register obyvateľov Slovenskej republiky*), li huwa konness b'mod elettroniku mas-sistemi ta' informazzjoni tal-qorti. Il-qorti tista' tistabbilixxi mill-ewwel il-post tar-residenza permanenti jew temporanju elenkat f'dan ir-reġistru (jekk it-tali indirizz ikun jeżisti). L-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Soċjali (*Sociálna poisťovňa*) tikkoopera wkoll attwalment b'mod elettroniku mal-qorti Slovakka permezz tar-reġistru tal-qorti, u qorti tista' titlob xi informazzjoni rreġistrata mill-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Soċjali, b'mod partikolari l-indirizz ta' parti fil-proċedimenti kif elenkat fl-Aġenzija tal-Assigurazzjoni Soċjali u l-isem tal-impjegatur preżenti jew preċedenti tal-parti (li permezz tiegħu f'xi każijiet il-post fejn ikun jinsab id-destinatarju jkun jista' jiġi stabbilit). Il-qorti hija wkoll awtorizzata mil-liġi biex titlob il-kooperazzjoni tal-uffiċċju tat-taxxa, il-muniċipalità, ħabs, eċċ.

In-notifika tas-Slovakkja skont l-Artikolu 7(2)(c) hija disponibbli fl-Artikolu [tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika](#).

4.2 L-awtoritajiet ġudizzjarji barranin u / jew il-partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom aċċess għar-reġistri jew servizzi f'dan l-Istat Membru li jippermettu li jinstab l-indirizz attwali tal-persuna? Jekk iva, x'reġistri jew servizzi jeżistu u x'inhi l-proċedura li trid tiġi segwita? Xi ħlas irid

isir, jekk hemm?

Kif intqal aktar 'il fuq, permezz tar-reġistru tal-qorti l-qrati Slovakki għandhom aċċess dirett għad-data elenkata fir-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovakkja. Il-partijiet għall-proċedimenti ġudizzjarji għandhom l-għażla li jitolbu d-data mir-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovakkja (l-għoti tal-konferma jew tan-notifika bil-miktub tal-post fejn il-persuna tkun tinsab) għal tariffa amministrattiva ta' ħames euro.

4.3 Liema tip ta' assistenza mingħand Stati Membri oħra fir-rigward ta' ksib ta' informazzjoni dwar l-indirizzi jipprovdu l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 7(1) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti

Is-Slovakkja tipprovdi l-assistenza msemmija fl-Artikolu 7(1)(a). It-talbiet biex jinstab indirizz iridu jintbagħtu lil qorti distrettwali, peress li skont l-Artikolu 56(3) tal-Att Nru 97/1963 dwar id-dritt privat internazzjonali u r-regoli tal-proċedura hija l-qorti li għandha ġurisdizzjoni territorjali li lilha ssir it-talba li hija responsabbli għall-ipproċessar ta' tali talbiet. F'każijiet bħal dawn, il-qorti li tirċievi t-talba tiegħu azzjoni simili għal dik deskritta fil-punt 4.1.

In-notifika tas-Slovakkja skont l-Artikolu 7(2)(c) – li biha s-Slovakkja għażlet il-possibbiltà li tipprovdi assistenza fl-inkjesti dwar l-indirizzi skont l-Artikolu 7(1)(a) – hija disponibbli fl-[Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili tal-Portal Ewropew e-Ġustizzja](#).

5 Fil-prattika, normalment kif jiġi notifikat id-dokument? Hemm metodi alternattivi li jistgħu jintużaw (apparti n-notifika alternattiva msemmija fil-punt 7 iktar 'l isfel)?

Kif iddikjarat fil-punt 3, il-qrati jagħtu prijorità lin-notifika personali f'seduta jew matul att ieħor. Huma jistgħu jużaw ukoll:

- notifika lil kaxxa postali elettronika skont l-Att dwar il-Gvern elettroniku;
- notifika lil indirizz elettroniku (posta elettronika) fuq talba tal-parti, jekk id-dokumenti ma jkunux jeħtieġu notifika personali;
- permezz tan-notifikaturi leġittimi (servizz postali, notifikatur ta' ipproċessar; jekk meħtieġ permezz tad-dipartiment rilevanti tal-Pulizija, uffiċjal ġudizzjarju jew il-pulizija municijali; f'każijiet speċjali s-Servizz tal-Gwardja tal-Ħabsijiet u l-Qorti, faċilità għal kura istituzzjonali jew protettiva, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Ministeru tad-Difiża);
- il-leġiżlazzjoni tistabbilixxi wkoll każijiet fejn in-notifika trid tkun permezz ta' avviż pubbliku (biex jiġi notifikat grupp indefinit ta' persuni b'deċiżjoni).

Bħala kwistjoni ta' prijorità, il-qorti tibgħat dokumenti lil kaxxa postali elettronika skont l-Att dwar il-Gvern elettroniku, jekk id-destinatarju jkun attiva tali kaxxa postali u jekk id-dokument li jkun qed jiġi nnotifikat ikun dokument elettroniku b'firma elettronika kwalifikata jew b'formalitajiet meħtieġa oħra.

F'każijiet fejn ma jkunx possibbli li n-notifika ssir lil kaxxa postali elettronika skont l-Att dwar il-Gvern elettroniku, il-qorti tinnotifika d-dokumenti permezz ta' notifikaturi leġittimi. F'każijiet bħal dawn, il-qorti tinnotifika d-dokumenti fl-indirizz ikkomunikat mill-awtorità rikjedenti. Jekk in-notifika ma ssirx b'suċċess, il-qorti mbagħad tinnotifika d-dokumenti:

1. lil persuna fiżika fl-indirizz imniżżel fir-Reġistru tal-Abitanti tar-Repubblika Slovakkja jew fl-indirizz għal ċittadin(a) barrani(ja) fis-Slovakkja skont l-istatus ta' residenza tiegħu/tagħha;
2. lil persuna ġuridika fl-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tal-persuna ġuridika elenkata fir-Reġistru Kummerċjali (*Obchodný register*), li jista' jinstab fuq <https://www.orsr.sk/>, jew reġistru pubbliku ieħor (eż. ir-Reġistru tal-Liċenzi Kummerċjali, *Živnostenský register*).

Metodi alternattivi oħra għajr in-notifika ta' sostituzzjoni

Billi jintroduċi r-responsabbiltà oġġettiva stretta tal-partijiet għad-data mdaħħla fir-reġistri pubbliċi, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża ma jipprevedi l-ebda metodu alternattiv minbarra n-notifika ta' sostituzzjoni

6 Hija permessa n-notifika elettronika tad-dokumenti (notifika ta' dokumenti ġudizzjarji jew extraġudizzjarji permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi mill-bogħod, bħall-email, applikazzjoni sikura bbażata fuq l-internet, faks, sms, eċċ.) fi proċedimenti ċivili? Jekk iva, għal liema tipi ta' proċedimenti huwa previst dan il-metodu? Hemm restrizzjonijiet fir-rigward tad-disponibilità / l-aċċess għal dan il-metodu ta' notifika ta' dokumenti skont min ikun id-destinatarju (professjonist tal-liġi, persuna ġuridika, kumpanija jew attur ieħor fin-negozju, eċċ.)?

¶Lief fil-każ ta' notifika personali ta' dokumenti (ara l-punt 2), il-qorti tista' wkoll tinnotifika d-dokumenti b'mezzi elettroniċi (posta elettronika) jekk il-parti fil-proċedimenti titlob dan bil-miktub u tagħti indirizz elettroniku. Dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat fit-tielet jum minn meta dan ikun intbagħat, anki jekk id-destinatarju ma jkunx qraha.

6.1 Liema tipi ta' notifika elettronika fis-sens tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti huma disponibbli f'dan l-Istat Membru fejn għandha ssir in-notifika direttament lil persuna, li jkollha indirizz magħruf għan-notifika fi Stat Membru ieħor?

Notifika f'kaxxa postali elettronika skont l-Att dwar il-Gvern elettroniku (dan huwa obligatorju għall-persuni ġuridiċi kollha li jkollhom kaxxa postali elettronika attiva, filwaqt li l-persuni fiżiċi jistgħu jagħżlu li jattivaw waħda).

6.2 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti speċifika l-kundizzjonijiet addizzjonali li bihom jaċċetta n-notifika elettronika permezz tal-email imsemmija fl-Artikolu 19(1)(b) ta' dan ir-Regolament? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 19(2) tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti

In-notifika tas-Slovakkja skont l-Artikolu 19(2), li biha s-Slovakkja ma tippermettix li tintuża l-posta elettronika għan-notifika ta' dokumenti li jridu jiġu nnotifikati personalment, hija disponibbli fl-Artikolu [tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika](#).

7 Notifika “alternattiva”

7.1 Il-liġi ta' dan l-Istat Membru tippermetti metodi oħrajn ta' notifika f'każijiet li fihom ma kienx possibbli li d-dokumenti jiġu notifikati lid-destinatarju (pereż. notifika fl-indirizz tad-dar, fl-uffiċċju tal-marixxall, bil-posta jew b'reklamar)?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża jkopri notifika ta' sostituzzjoni għan-notifika ta' dokumenti fiżiċi, filwaqt li l-Att dwar il-Gvern elettroniku jkopri notifika għal kaxxi postali elettroniċi.

Rigward l-Att dwar il-Gvern elettroniku, ma nistgħux nitkellmu dwar notifika ta' sostituzzjoni (finzjoni) fil-veru sens tal-kelma, billi l-attivazzjoni stess ta' kaxxa postali elettronika (kemm jekk awtomatikament għal persuni ġuridiċi jew inkella b'għażla għal persuni fiżiċi) tfisser li l-indirizz tad-destinatarju ma jistax ikun “mhux magħruf”, u lanqas ma huwa possibbli li “d-dokument ma jistax jiġi kkonsenjat”. Is-sempliċi depożitu tal-messaġġ uffiċjali elettroniku (il-posta elettronika tal-qorti) fil-kaxxa postali elettronika tqiegħdu għad-dispożizzjoni tad-destinatarju. Id-depożitu stess ta' messaġġ elettroniku uffiċjali (korrispondenza tal-qorti) fil-kaxxa postali elettronika jimplika li d-destinatarju huwa fil-pussess tiegħu. Messaġġ elettroniku uffiċjali jitqies li jkun ġie nnotifikat l-għada li jkun ġie ddepożitat fil-kaxxa postali elettronika. Madankollu, jekk dan ikun dokument li skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża jeħtieġ notifika personali, f'dan il-każ jekk id-destinatarju ma jiġbrux fis-sistema (u għalhekk ma jaqrahx), jitqies li jkun ġie nnotifikat fi tmiem ta' terminu ta' skadenza ta' 15-il jum li jibda mill-jum wara dak li matulu jkun ġie ddepożitat il-messaġġ elettroniku uffiċjali. Dan il-metodu ma

jistax jintuża meta jiġi nnotifikat digriet għall-ħlas, fejn in-notifika ta' sostituzzjoni (finzjoni) hija pprojbita. Madankollu, skont it-tifsira tat-Taqsima 82l(1) tal-Att Nru 757/2004 dwar il-qrati, meta ssir reġistrazzjoni għal kaxxa postali elettronika, in-nuqqas ta' konferma tar-riċevuta elettronika sa tmiem il-perjodu tad-depożitu għan-notifika ta' dokument uffiċjali elettroniku li jiġi kkonsenjat personalment u fejn in-notifika alternattiva hija pprojbita, jitqies bħala rifjut mhux ġustifikat li jiġi aċċettat id-dokument uffiċjali elettroniku notifikat. F'każijiet bħal dawn, id-dokument uffiċjali elettroniku jitqies li jkun ġie nnotifikat fil-jum ta' wara l-iskadenza tal-perjodu tad-depożitu.

Għal notifika klassika skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Kontenzjuża, l-applikazzjoni tan-notifika ta' sostituzzjoni (finzjoni) hija identika irrISPettivament mit-tip ta' notifika, jiġifieri kemm jekk fil-każ ta' notifika ordinarja jew notifika personali. Jekk l-indirizz tad-destinatarju jkun elenkat f'reġistru pubbliku (ir-Reġistru ta' Abitanti għal persuni fiżiċi u r-Reġistru Kummerċjali għal persuni ġuridiċi) u l-ittra tintbagħat lura lill-qorti bħala li ma tkunx ġiet notifikata, jitqies li n-notifika tkun saret fil-jum meta dak li fih l-ittra tkun ġiet irritornata lill-qorti. Jekk l-indirizz ta' persuna fiżika ma jiġix irreġistrat fir-Reġistru tal-Abitanti, in-notifika ssir permezz tat-tqegħid fuq l-avviżiera u s-sit web tal-qorti, u l-ittra titqies li ġiet innotifikata 15-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' din in-notifika. Dan il-metodu ta' notifika ta' sostituzzjoni ma jistax jintuża meta tiġi nnotifikata ordni ta' ħlas.

7.2 Jekk jiġu applikati metodi oħrajn, id-dokumenti meta jitqiesu li ġew notifikati?

Ara l-punt 7.1.

7.3 Jekk metodu ieħor ta' notifika jkun id-depożitu tad-dokumenti f'post partikolari (pereż. fl-uffiċċju tal-posta), id-destinatarju kif jiġi infurmat b'dak id-depożitu?

Dan mhuwiex metodu ieħor, iżda notifika ordinarja permezz ta' kumpanija tas-servizzi postali – jekk is-servizz postali involut ma jkunx jista' jilħaq lid-destinatarju fl-indirizz mogħti, huma jħallu avviż bil-miktub speċifiku fil-kaxxa postali tad-destinatarju li jinformatom li l-ittra (kemm jekk irreġistrata kif ukoll jekk għal notifika personali) ġiet iddepożitata fl-uffiċċju postali. Id-destinatarju jew riċevitur awtorizzat jista' jmur jiġbor id-dokumenti f'terminu speċifiku, li normalment huwa ta' 18-il jum kalendarju. Dan it-terminu tal-iskadenza jista' jiġi estiż fuq it-talba tad-destinatarju. Jekk l-ittra ma titteħdx fit-terminu għall-wasla, l-ittra titqies li mhijiex konsenjabbli. L-ittri mhux konsenjabbli jintbagħtu lura mis-servizz postali lill-mittent.

7.4 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta n-notifika tad-dokumenti, xi jkunu l-konsegwenzi? Id-dokumenti jitqiesu bħala effettivament notifikati jekk ir-rifjut ma jkunx leġittimu?

Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta d-dokument mingħajr raġuni valida, id-dokument jitqies li jkun ġie nnotifikat fil-jum li fih l-aċċettazzjoni tiegħu ġiet irrifjutata; in-notifikatur ta' ipproċessar irid jinforma lid-destinatarju b'dan. F'każijiet fejn in-notifika ma titwettaqx b'mod leġittimu, in-notifika ma jkollha ebda effett legali.

8 Notifika postali minn barra l-pajjiż (l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti)

8.1 Jekk is-servizz postali jwettaq il-konsenja ta' dokument mibgħut minn barra lil destinatarju f'dan l-Istat Membru f'sitwazzjoni fejn ikun hemm bżonn konferma tar-riċevuta (l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti), is-servizz postali jwettaq il-konsenja lid-destinatarju stess biss jew jista', skont ir-regoli nazzjonali tal-konsenja tal-posta, iwettaq il-konsenja tad-dokument lil persuna oħra fl-istess indirizz ukoll?

Jekk tintalab konsenja ordinarja b'konferma tar-riċevuta, l-uffiċċju postali (*Slovenská pošta, a.s.*, bħala l-fornitur tas-servizzi postali tradizzjonali) jikkonsenja biss id-dokumenti jekk id-destinatarju jew ir-riċevitur awtorizzat (jekk id-dokumenti ma jistgħux jiġu kkonsenjati lid-destinatarju) jippreżenta prova tal-identità meta jmur jiġbor il-konsenja, iħalli li n-numru tad-dokument tal-identità jiġi rreġistrat u jikkonferma r-riċevuta. Ir-riċevituri awtorizzati għal dokumenti indirizzati lil persuna fiżika huma l-konjuġi tad-destinatarju u kull persuna ta' 15-il sena jew fuqhom li tgħix mad-destinatarju fl-istess dar jew flett.

Madankollu, id-dokumenti għal notifika personali ma jistgħux jiġu kkonsenjati lil dawn il-persuni.

8.2 Skont ir-regoli tal-konsenja tal-posta f'dan l-Istat Membru, kif tista' ssir in-notifika ta' dokumenti minn barra, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti, jekk la d-destinatarju u lanqas xi ħaddieħor li jkun awtorizzat jirċievi n-notifika (jekk possibbli skont ir-regoli nazzjonali tal-konsenja tal-posta – ara aktar 'il fuq) ma jkun instab fl-indirizz tal-konsenja?

Ara l-punt 7.3.

8.3 L-uffiċċju tal-posta jippermetti perjodu speċifiku għall-għbir tad-dokumenti qabel ma d-dokumenti jintbagħtu lura għaliex ma jkunux ġew konsenjati? Jekk iva, kif jiġi infurmat id-destinatarju li għandu l-posta x'jiġbor mill-uffiċċju tal-posta?

Ara l-punt 7.3.

9 Ikun hemm prova bil-miktub li d-dokument ikun ġie notifikat?

Iva, skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża din hija konferma tar-riċevuta, li bħala prova tan-notifika ta' dokument ġudizzjarju tikkostitwixxi att pubbliku. L-informazzjoni fil-konferma tar-riċevuta hija meqjusa bħala vera sakemm ma hemmx evidenza għal kuntrarju. Il-parti fil-proċedimenti li tikkontesta l-preċiżjoni tal-informazzjoni fil-konferma tar-riċevuta (u targumenta li ma ġietx segwita l-proċedura legali għan-notifika) hija obbligata li tipproponi evidenza lill-qorti biex tistabbilixxi dawn il-pretensjonijiet. Jekk il-qorti tinnotifika dokument f'seduta ta' smiġħ jew matul att proċedurali, tittieħed nota ta' dan fit-traskrizzjoni tas-seduta ta' smiġħ.

L-Att tal-Gvern elettroniku jkopri l-konferma tar-riċevuta elettronika, li hija konferma tan-notifika personali ta' dokument (messaġġ uffiċjali) – ir-riċevitur huwa obligat li jikkonferma n-notifika ta' messaġġ elettroniku uffiċjali fil-forma ta' konferma elettronika. Il-konferma ta' notifika hija prerekwiżit sabiex il-kontenut ta' messaġġ elettroniku uffiċjali jkun aċċessibbli fil-kaxxa tal-ittri elettronika tar-riċevitur. Il-konferma elettronika telenka d-data, is-sieġha, il-minuta u s-sekonda tan-notifika tal-messaġġ uffiċjali. Bħal fil-każ ta' konferma tar-riċevuta "fiżika", id-data li jkun fiha hija meqjusa bħala korretta sakemm ma jiġix ipprovat mod ieħor, u, bl-istess mod, l-effetti tagħha jistgħu jiġu kkontestati.

10 X'jiġri jekk xi ħaġa tmur ħażin u d-destinatarju tan-notifika ma jirċevix id-dokument jew jekk in-notifika ssir bi ksur tal-liġi (pereż. id-dokument jiġi notifikat lil terza persuna)? Minkejja dan, in-notifika tad-dokument tista' titqies valida (pereż. hemm rimedju għall-ksur tal-liġi) jew trid issir notifika ġdida tad-dokument?

Ara l-punti 7.1 u 7.4 għall-każijiet fejn id-destinatarju tad-dokument ma jirċevihx.

Jekk in-notifika tkun ġiet imwettqa bil-kontra ta' dak stipulat fil-liġi, in-notifika ripetuta tad-dokument hija meħtieġa; Il-liġi Slovakka ma tkoprix għall-possibbiltà ta' validazzjoni ta' notifika invalida. Kull notifika ta' dokumenti ġudizzjarji mwettqa b'metodu ieħor li mhuwix wieħed mill-metodi legali ma għandhiex effett legali u ma tipproduċi l-effetti legali stipulati mil-liġi.

11 Jekk id-destinatarju jirrifjuta li jaċċetta dokument abbażi tal-lingwa użata (l-Artikolu 12 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti) u l-qorti jew l-awtorità invokata tal-proċedimenti ġudizzjarji tiddeċiedi, wara li twettaq verifika, li r-rifjut ma kienx ġustifikat, jeżisti xi rimedju legali speċifiku biex dik id-deċiżjoni tiġi kkontestata?

Dan dejjem jiddependi mil-liġi tal-qorti li tittratta l-kwistjoni. Jekk il-proċedimenti jkunu qed isiru f'qorti Slovakka, u l-qorti tiddeċiedi, wara eżami, li r-rifjut tad-destinatarju li jaċċetta d-dokumenti ma kienx ġustifikat, id-dokumenti jitqiesu li ġew innotifikati fid-data li fiha ġew rifjutati (ara l-punt 7.4). Dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħux jiġu appellati.

12 Hemm xi ħlas għan-notifika ta' dokument, u jekk hemm, kemm hu l-ħlas? Hemm differenza bejn meta d-dokument għandu jiġi notifikat skont il-liġi domestika u meta t-talba ta' notifika toriġina minn Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament dwar in-Notifika ta' Dokumenti, rigward in-notifika ta' dokument minn Stat Membru ieħor

In-notifika tas-Slovakkja skont l-Artikolu 15 hija disponibbli fl-Artikolu [tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar Kwistjonijiet Ċivili tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika](#).

■ L-aħħar aġġornament: 06/05/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.